VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,589, 10 ta' Ġunju, 2016
Taqsima B

A.L. 220 tal-2016

ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA (KAP. 204)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Kompetenti dwar it-Tariffi tal-Interkambju għat-Transazzjonijiet ta' Pagament permezz ta' Kard

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) tal-artikolu 60 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Ministru għall-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Kompetenti dwar it-Tariffi tal-Interkambju għat-Transazzjonijiet ta' Pagament permezz ta' Kard, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Kompetenti dwar it-Tariffi tal-Interkambju għat-Transazzjonijiet ta' Pagament permezz ta' Kard, haw iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 204.07

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Impożizzjoni ta' sanzjonijiet.

3. Il-Ministru għall-Finanzi qiegħed ukoll jagħti s-setgħa lill-Bank Ċentrali ta' Malta, għall-għanijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament, sabiex joħroġ u jinforza sanzjonijiet meta kwalunkwe persuna tikser jew ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, u sabiex jieħu kull miżura neċessarja sabiex jassigura li dawn jiġu applikati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Proċeduri tal-ilmenti u rimedji. Kap. 330.

4. Il-Ministru għall-Finanzi qiegħed b'dan jaħtar lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji stabbilit taħt l-artikolu 21 tal-Att dwar Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala t-tribunal kompetenti sabiex jisma' u jieħu deċizjoni fuq kwalunkwe lment jew procedura għal rimedji li tkun inbdiet jew tqajmet minn kwalunkwe persuna li qiegħda titħallas u, jew mill-forniturі tas-servizzi ta' pagament fir-rigward ta' tilwim li jinqala' minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.".